# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Minuti**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura**

**Laqgħa Numru 8/2024**

Data: L-Erbgħa 23 ta' Ottubru, 2024

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

Preżenti:
Sur Clayton Portelli Cascun – Sindku
Chev Darren Marmara – Viċi Sindku
Sur Charles Bonello – Kunsillier
Sur Ray Deguara – Kunsillier
Sur Mark Lombardo – Kunsillier 18.02
Sur Izaak Catania Degiovanni – Kunsillier
Sa Josianne Scicluna - Kunsilliera
Dr Ryan Ellul - Kunsillier
Sur Adrian Tanti - Kunsillier

Ritianne Bonnici –Deputat Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**8.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**8.2 MINUTI**

**8.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

**8.4 PURCHASE REQUEST FORMS**

**8.5 ĦLASIJIET**

8.6 FINANZI

8.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

8.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

8.9 MILIED

8.10 KORRISPONDENZA

8.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

8.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

8.13 TRAFFIC MANAGEMENT

8.14 STAFF

8.15 MOZZJONIJIET

8.16 PLANNING AUTHORITY

8.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

8.18 MISTOQSIJIET

8.19 AĠĠORNAMENT

---

Is-Sindku radd is-salib u qal talba.

### 8.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**8.1.1** Ma kien hemm l-ebda talba ta' apoloġija

**8.1.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6930/24/9** 'Il-Kunsill Lokali jinnota li dawn il-Kunsilliera kienu assenti u/jew skużati hekk kif indikat hawn isfel:
Total ta' 4 laqgħat: Viċi Sindku Darren Marmara - 04/09/2024, 17/09/2024, 17/09/2024, 25/09/2024.
Peress li skond artiklu 18 tal-Liġi (kap 363), il-Kunsill Lokali obbligat li jirraporta lil dawk il-kunsilliera li jkunu naqqsu 4 laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill Lokali u/jew iktar minn terz tal-laqgħat li jkunu saru fi żmien 6 xhur, dan il-Kunsill qed jirreferi l-każ ta' dawn il-Kunsilliera għall-konsiderazzjoni tal-Ministru.
Minkejja dan, dan il-Kunsill jitlob lill-Ministru sabiex tali post ma jiġux vakanti u l-imsemmija kunsilliera jibqgħu jokkupaw il-kariga'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-Mozzjoni għaddiet bi 8 voti favur u astensjoni tal-Viċi Sindku Chev Darren Marmara. Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

**8.1.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6931/24/9** 'Il-Kunsill Lokali jinnota li dawn il-Kunsilliera kienu assenti u/jew skużati hekk kif indikat hawn isfel:
Total ta' 4 laqgħat: Il-Kunsillier Adrian Tanti - 04/09/2024, 17/09/2024, 17/09/2024, 25/09/2024.
Peress li skond artiklu 18 tal-Liġi (kap 363), il-Kunsill Lokali obbligat li jirraporta lil dawk il-kunsilliera li jkunu naqqsu 4 laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill Lokali u/jew iktar minn terz tal-laqgħat li jkunu saru fi żmien 6 xhur, dan il-Kunsill qed jirreferi l-każ ta' dawn il-Kunsilliera għall-konsiderazzjoni tal-Ministru.
Minkejja dan, dan il-Kunsill jitlob lill-Ministru sabiex tali post ma jiġux vakanti u l-imsemmija kunsilliera jibqgħu jokkupaw il-kariga'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-Mozzjoni għaddiet bi 8 voti favur u astensjoni tal-Kuns Adrian Tanti. Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

## 8.2 MINUTI

**8.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6932/24/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 7/2024 bid-data tal-25 ta' Settembru 2024'

Din kienet sekondata mill-Kuns R. Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**8.2.2** Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kuns J Scicluna se tkun qed tagħmel intervent. Il-Kuns J Scicluna qalet li l-minuti li jintbagħtu mal-Aġenda ma kinitx qed taqrahom u s-Sindku kien ġibdilha l-attenzjoni sabiex tibda' tagħmel dan. Għaldaqstant wara li l-Kuns J Scicluna qrat il-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill li saret f'Awwissu, l-Kuns J Scicluna ressqet dikjarazzjoni ref: **6933/24/9** 'Dikjarazzjoni - Referenza għal 0.3.17.6 tal-minuti ta' Awwissu 2024 ma naqbilx li jien kont qbilt mas-Sur Mark Lombardo fejn kien qal li hemm ħaddiema u jista' jkollhom konflitt ta' interess . Jien Josianne Scicluna ma kontx għedt xejn'

**8.2.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6934/24/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa pubblika bid-data tal-25 ta' Settembru 2024'

Din kienet sekondata mill-Kuns R. Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet bi 8 voti favur u astenzjoni tal-Kuns M Lombardo. Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

## 8.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**8.3.1** Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi punti mqajma mill-minuti tal-laqgħa ta' Settembru u l-Kuns C Bonello wieġeb li kellu dikjarazzjoni xi jressaq b'risposta għad-dikjarazzjoni li kien għamel il-Kuns M Lombardo fil-laqgħa ta' Settembru. Għaldaqstant il-Kuns C Bonello beda jaqra d-dikjarazzjoni annessa bħala doc 'A' fejn wara ġiet mgħoddija lis-Sindku.
Waqt dan il-qari kien hemm diversi nterruzzjonijiet mill-Kuns M Lombardo bis-Sindku kull darba jintervjeni u jwaqqaf lill-Kuns M Lombardo sabiex il-Kuns C Bonello jitħalla jaqra l-imsemmija dikjarazzjoni.

Fir-rigward ta' din id-dikjarazzjoni b'referenza għall-punt imsemmi rigward it-trasparenza li jingħataw l-unuri ta' Ġieħ u Ħajr il-Fgura, l-Viċi Sindku Chev D Marmara staqsa lill-Kuns C Bonello biex jelabora fuqha. Il-Kuns C Bonello wieġeb li ma jixtieqx jelabora iktar, pero jagħmel dan fil-mument opportun pero ma kellux problema li jkellmu privatament.

**8.3.2** Il-Kuns M Lombardo qal li dwar l-onorifiċenzi hemm kollox imniżżel fil-minuti fejn il-Kuns M Lombardo spjega li kien imur bil-lista quddiem l-Ex Sindku Sur P. Dalli u flimkien jintlaħaq ftehim ta' min kien ħaqqu jieħu l-imsemmija unuri u dan kien isir bit-trasparenza kollha, u anke nħolqot kategorija bl-isem 'Stilel Fgurin', fejn anke din is-sena se terġgħa tkun mal-unuri ta' Jum il-Fgura. Il-Kuns M Lombardo kompla jisħaqq li l-persuni li kienu jiġu magħżula kollha kienu jiġu approvati mil-laqgħa tal-Kunsill unanimament. Wara li kompliet id-diskussjoni, l-Kuns M Lombardo preżenta żewġ (2) dikjarazzjonijiet riferuti bħala doc 'B' u doc 'C' rispettivament. Fuq it-tieni dikjarazzjoni qamet diskussjoni dwar il-protocol u kif dan għandu jiġi osservat. Kemm il-Kuns I Catania Degiovanni kif ukoll il-Kuns J Scicluna qalu li ma kinux infurmati li kien se jittieħed ritratt meta ġew mistiedna għall-attivita' li ħejjiet il-President. Il-Kuns R Deguara ndirizza lill-Kuns M Lombardo fejn qallu li din ma kinitx l-ewwel darba li ġara hekk, fejn kien hemm okkażjonijiet oħra li l-Kuns M Lombardo ma żammx postu skond il-protokol.

## 8.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**8.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6925/24/9** "Sabiex jiġu approvati PRFPO għal-laqgħa tal-Kunsill ta' Settembru 2024 kif inhu anness." (Ara DOK 'D' anness).

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet bi 8 voti favur u astenzjoni tal-Viċi Sindku Chev D Marmara. Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

## 8.5 ĦLASIJIET

**8.5.1** Il-Kuns C Bonello staqsa jekk l-ammont muri għal item 34 kienx korrett. Għal dan kemm is-Sindku kif ukoll id-Deputat Segretarju Eżekuttiv wieġbu fl-affermattiv, is-Sindku qal li ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv fejn wieġbet li dan ġie mitkellem diversi drabi biex jibgħat il-fatturi iżda x-xogħolijiet kellhom jibqgħu għaddejjin u tali ordnijiet ġew imġemmgħa

u mibgħuta f'fattura waħda b'dak l-ammonti kemmxejn għoljin. Il-Kuns C Bonello staqsa wkoll jekk fir-rigward tat-tipping fees il-Kunsill hux qed iżomm mal-ammont indikat fl-allokazzjoni mgħotija mill-Gvern Ċentrali. Għal dan id-Deputat Segretarju se tkun qed tagħmel kuntatt mal-Accountant biex jiġi vverifikat l-ammont tat-tipping fees għall-ammont li l-Kunsill jirċievi għat-tipping fees. Il-Kuns C Bonello sostna li l-Kunsill għandu jħallas biss l-ammont li alloka l-Gvern fir-rigward ta' tipping fees.

**8.5.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6926/24/9** "Sabiex jiġu approvati lista tal-ħlasijiet minn 19/09/2024 sa 15/09/2024 kif inhu anness"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet bi 8 voti favur u estensjoni tal-Viċi Sindku Chev D Marmara. Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

## 8.6 FINANZI

**8.6.1** Is-Sindku talab li ssir komunikazzjoni mal-Accountant tal-Kunsill sabiex ikun jista' jwieġeb għall-mistoqsijiet li jistgħu jsiru. Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-ġimgħa ta' qabel iltaqa' s-Sotto Kumitat flimkien mal-Accountant u mill-allokazzjoni li dan il-Kunsill li jingħata mill-Gvern Ċentrali ġew imqasma skond id-dekasteri. Is-Sindku qassam kopja tat-tqassim tal-budget li se jkollhom għas-sena 2025 lill-membri. Il-Viċi Sindku qal li iktar hemm lok għal diskussjoni u prijoritajiet fir-rigward il-budget allokat. Il-Kuns C Bonello ssuġġerixxa li l-ewwel għandu jiġi analizzat il-Financial Statement fejn imbagħad minnu stess ikun jista' jsir it-tqassim tal-Budget għad-dekasteri. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li għandha ssir laqgħa mal-Accountant mal-membri kollha sabiex jiġi diskuss l-imsemmi budget għall-kunsilliera. Il-Kuns I Catania Degiovanni qal li qabel il-membri jaraw il-figuri jirringrazzja lis-Sindku.

**8.6.2** Is-Sindku qal li kif indikat fil-Financial Statements il-Kunsill se jkollu deficit għal din is-sena, fejn l-allokazzjoni mgħotija mill-Gvern Ċentrali ntefqgħet u l-Kunsill qed joħroġ mit-tfaddil li għamel tul is-snin. Il-Viċi Sindku qal li madwar xahrejn ilu kien talab kopja tal-budget lis-Segretarju Eżekuttiv iżda ma ngħatax il-kopji kollha, u li ngħata ma kinitx kif suppost. Il-Viċi Sindku qal li b'mod ġenerali huwa jitlob informazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv u din l-informazzjoni mhux qed tingħatalu u dan huwa diżrispett. Fir-rigward tal-Financial Statements il-Viċi Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu l-qagħda tal-Kunsill qegħda ħażin.

**8.6.3** Hekk kif sar il-kollegament mal-Accountant, is-Sindku rringrazzja lill-Accountant talli kien disponibbli sabiex isir il-kollegament miegħu. Kompla billi qal li l-Viċi Sindku jixtieq ikun jaf bħala Kunsill kif inhi l-qagħda tal-Kunsill fir-rigward ta' cashflow. L-Accountant qal li bħala Kunsill kellu riservi b'saħħithom madwar sitt mitt elf fejn dawn is-sitt mitt elf għadhom hemm iżda fis-sena 2024 qegħdin f'sitwazzjoni fejn il-Kunsill nefaq ħafna iżjed milli daħħal. Minn Jannar sa Settembru l-Kunsill għamel deficit ta' iktar minn mitt elf. Dak il-mitt elf ittieħdu mir-riservi li kien hemm. Dawn minn flok intefqu fuq xi proġett jew oġġett kapitali intefqu fir-rikurrenti, li fisser li ntefqu bħal patching, bankini, etc. Il-Viċi Sindku kkalkula li jekk il-Kunsill se jibqa' sejjer fit-triq li qabad iġifieri fi żmien ħames snin il-Kunsill se jiġi breakeven u dak li qed naraw illum huwa eyeopener biex wieħed iħares 'il quddiem. Is-Sindku

qal li fil-leġislatura l-oħra kien hemm nuqqas ta' applikar għal Skemi tal-Gvern. Il-Kuns C Bonello qal li kulħadd irid jifhem ix-xenarju ta' dan il-kunsill, fejn għamel madwar 20 sena ma jagħmel xejn għajr dak obbligat bil-liġi biex illum dan il-Kunsill għandu l-binja Amministrattiva tiegħu, waħda mill-isbaħ li kien hawn f'Malta jekk mhux l-isbaħ. Saħaq li hija ovvja li wara dawk is-snin li l-Kunsill kien responsabbli u bilgħaqal u ma setgħa jagħmel xejn, illum il-ġurnata qed jagħti iktar spinta fejn kien nieqes minnu. Il-Viċi qal li forsi kienet sena partikolari fejn kienet sena ta' elezzjoni wkoll fejn kulħadd irid jerfa' r-responsabbilta' ta' għemilu. Il-Kuns C Bonello wieġeb billi qal li anke s-sena ta' qabel kien hemm deficit u dan prinċiparjament għar-raguni li semma qabel. Il-Viċi Sindku qal biex dan il-kunsill ikun iktar serju u jaħdem iżjed bilgħaqal fejn 'il quddiem naħsbu aħjar. Is-Sindku ċċara li s-Sindku preċedenti fis-sena tal-elezzjoni l-aħħar attivita' kienet fit-30 ta' April fejn wara ma ppermettix li jsiru iżjed attivitajiet jew proġetti. Il-Kuns M Lombardo qal li bejn Jannar u April tat-2022 u Jannar u April ta' 2023 hemm differenza fl-ammont li ġie minfuq. Is-Sindku wieġeb li qed jirreferu għas-sena tal-elezzjoni. Il-Kuns C Bonello qal li jekk hemm qbil iġibu l-figuri tal-aħħar ħames (5) snin biex jaraw kemm intefqu. Il-Kuns C Bonello qal li dan il-kunsill irid jifhem illi jekk l-membri tal-Kunsill jixtiequ li jingħataw iżjed servizzi lir-residenti il-Kunsill irid jonfoq iktar flus. Għal dan ġab l-eżempju għal paġna 8 tar-rapport finanzjarju bit-titolu transport fejn dan il-kunsill kien alloka s-somma ta' €4,000 Euro u sa issa l-Kunsill ġa nefaq €22,000, issa jekk il-kunsill ma jridx jonfoq mela allura ma nagħtux servizz lill-anzjani u l-Kunsill ma jonfoqhomx. Imma l-Kunsilliera jridu jkunu ċari f'liema direzzjoni rridu nieħdu l-Kunsill. Fuq dan qamet diskussjoni bejn il-membri tal-kamra.

**8.6.4** Is-Sindku nforma lill-Accountant li kien hemm qbil bejn il-membri tal-kamra biex jiltaqgħu miegħu biex jiġi diskuss il-budget tal-kunsilliera għas-sena 2025, fejn l-accountant wieġeb fl-affermattiv u kompla billi qal li l-budget tal-Kunsilliera għadu mhux wieħed definittiv.

**8.6.5** Il-Kuns C Bonello qal li kien bagħat email fejn ġibed l-attenzjoni li l-Financial Statements kellu żewġ paġni neqsin u għal dan l-accountant spjega li dak ma kienx żball iżda f'dawk iż-żewġ paġni jonqos ir-rapport tal-awditjar tagħhom li jiżdied fuq in-naħa ta' wara tar-rapport tal-Financial Statements.

**8.6.6** Il-Kuns C Bonello rrefera għall-paġna 15 rigward l-assigurazzjoni għalfejn żdiedet u għal dan l-Accountant wieġeb li kienet żdiedet l-assigurazzjoni tal-vann. Il-Kunsill C Bonello staqsa għalfejn il-bank charges kienu għolew kważi bid-doppju u għal dan l-accountant wieġeb li l-ħlasijiet qed isiru permezz ta' trasferiment bankarju u c-charges ivarjaw bejn €1.00 u €4.00 kull pagament.

Il-Viċi Sindku ħareġ barra mill-kamra fis-19:02

**8.6.7** Is-Sindku staqsa lill-membri tal-kamra jekk kellhomx iżjed mistoqsijiet fir-rigward tal-finanzi u wieġbu fin-negattiv. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6927/24/9** 'Sabiex jiġi approvat l-Annual Report and Financial Statements għas-sena 2023 skont kif inhu anness'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.6.8** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6928/24/9** 'Sabiex tiġi approvata r-rapresentation letter għas-sena 2023 skond kif anness'. Peress li ma tqassmitx qabel ġiet moqrija.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.6.9** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6929/24/9** 'Sabiex jiġi approvat il-Quarter Financial Report (Quarter 3) ta' bejn 1 ta' Jannar u l-aħħar ta' Settembru 2024 skont kif inhu anness'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.6.10** Il-Kuns C Bonello staqsa jekk hux possibli li kull kunsillier ikollu l-ammont ta' flus fil-budget tiegħu u jintefqgħu fuq xix ikun hemm bżonn. L-Accountant wieġeb fl-affermattiv.

**8.6.11** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6930/24/9** 'Sabiex tiġi approvata r-Reply to Management Letter għas-sena 2021 skond kif anness'

Il-Kuns C Bonello talab li tinqara u s-Sindku qara r-reply to Management letter għas-sena 2021

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.6.12** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6931/24/9** 'Sabiex tiġi approvata r-Reply to Management Letter għħas-sena 2022 skond kif anness'. L-ittra ġiet moqrija peress li ma kinitx iċċirkolata qabel.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

Is-Sindku rringrazzja lill-Accountant u talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tfassal appuntament miegħu.

## 8.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**8.7.1** Is-Sindku spjega lill-membri preżenti li b'referenza għall-iskema SPI/SCI/2/2024 fejn il-Kunsill preċedenti kien applika għall-imsemmija skema, l-Kunsill ġie mgħarraf dan il-proġett kien approvat u li l-Kunsill se jirċievi l-ewwel pagament li jammonta għal €29,700. Il-proġett jikkonsisti li jiġu mibnija mill-ġdid il-passaġġi pedonali fi Triq Hompesch bejn Triq San Tumas u Triq is-Sur. Il-Kuns C Bonello staqsa l-ammont totali kemm hu u s-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien talab għal €45,000.

**8.7.2** Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li se jsir training programme fir-rigward tal-website tal-kunsill fejn jingħata taħriġ ta' kif għandha tiġi aġġornata. Is-Sindku kompla billi qal li se tattendi waħda mill-istaff għal dan il-kors ta' taħriġ. Programm li hu ta' 12-il siegħa matul il-ħin tax-xogħol u li jsir bejn id-9am u s-1pm u li huwa maqsum fuq 5 modules. Il-kors se jibda nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru u jispiċċa sat-Tlieta 19 ta' Novembru. Il-Kuns C Bonello staqsa liema mpjegata kienet se tattendi u s-Sindku semmilu l-isem tal-impjegata.

## 8.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**8.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 8.9 MILIED

**8.9.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6932/24/9** 'Sabiex il-faċċata tal-binja Amministrattiva tal-Kunsill tiġi armata b'dawl dekorattiv għal żmien il-Milied għal spiża ta' mhux iżjed minn €1,500 vat inkluża'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.9.2** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6933/24/9** 'Sabiex isir id-dawl tal-Milied fi triq Hompesch skond l-irħas kwotazzjoni annessa li tammonta għal €4,838.00 vat inkluża kif ukoll makkinarju nkluż mingħand J. Farrugia'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.9.3** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6934/24/9** 'Sabiex isiru sittax (16) -il Street motifs fi Triq il-Karmelitani għal spiża ta' mhux iżjed minn €2,240.00 vat inkluża'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.9.4** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6935/24/9** 'Sabiex isir id-dawl tal-Milied fi triq Zabbar skond l-irħas kwotazzjoni annessa li tammonta għal €4,956.00 vat inkluża kif ukoll makkinarju nkluż minghand Dstreet Lighting'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.9.5** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6936/24/9** 'Sabiex tiġi approvata l-kwotazzjoni tal-Kummissjoni Festa Esterna biex dawn it-toroq jiġu mżejna bl-armar u dawl dekorattiv tal-Milied: 8 Pole Motifs Pjazza Reggie Miller, 15 Pole Motifs Triq Hompesch, 4 Pole Motifs Wesgħa Kunsill tal-Ewropa, 1 fustun Pjazza Reggie Miller u Triq il-Karmelitani. Din l-ispiża ma għandix taċċedi s-somma ta' €4,770 bil-vat inkluża'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.9.6** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6937/24/9** 'Sabiex tiġi approvata l-kwotazzjoni tal-Kummissjoni Festa Esterna biex tiġi nstallata bażi ġdida tas-siġra tal-Milied li tinkludi preparamenti ta' qabel, armar u żarmar kif ukoll tpoġġija tagħha wara li jgħaddu l-festi. L-istess prezz jinkludi wkoll l-installazzjoni tad-dawl dekorattiv tas-siġra tal-Milied, iż-żarmar u l-ippustjar tagħhom wara li jgħaddu l-festi. Din l-ispiża ma għandhix taċċedi s-somma ta' €3,700 bil-vat inkluża'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.9.7** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6938/24/9** 'Sabiex jiġu mqabbda uffiċċjali tal-Aġenzija LESA sabiex ikun jista' jsir l-armar kif ukoll iż-żarmar tal-Milied għal spiża ta' mhux iżjed minn €4,000'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.9.8** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6939/24/9** 'Sabiex jinkrew inġenji biex ikun jista' jsir l-armar kif ukoll iż-żarmar tal-Milied għal spiża ta' mhux iżjed minn €2,000'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.9.9** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6940/24/9** 'Sabiex jiġu nnawgurati d-dawl dekorattiv kif ukoll is-siġra tal-Milied fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2024 għal spiża ta' mhux

iżjed minn €1,000. Għal din l-okkażjoni għandu jiġi mistieden il-President tar-Reġjun is-Sur Paul Farruġia'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.9.9** Il-Kuns M Lombardo staqsa rigward l-insurance fir-rigward tal-armar tal-Milied u għal dan il-Kuns R Deguara wieġeb li l-ebda kumpanija tal-assigurazzjoni ma' tassigura għal terzi. F'dan il-każ huwa l-obbligu tal-Kummissjoni u tal-Kuntrattur sabiex jagħmlu assigurazzjoni f'każ li jiġri xi inċident.

## 8.10 KORRISPONDENZA

**8.10.1** Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li se ssir il-laqgħa tas-Sindki bejn id-29 u 30 ta' Novembru ġewwa Għawdex. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6941/24/9** 'Sabiex is-Sindku jattendi għal-laqgħa tas-Sindki li se ssir bejn id-29 u 30 ta' Novembru 2024'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.10.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6942/24/9** 'Sabiex isir reklam fil-kalendarju annwali li jinħareġ mill-Kummissjoni Festa Esterna għal spiża ta' mhux iżjed minn €350. ir-reklam għandu jkun l-awgurju tal-Kunsill kif ukoll l-iskeda tal-ġbir ta' skart'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.10.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6943/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni mal-Fgura United FC biex tiġi organizzata free foot session. Dawn is-sezzjonijiet se jkunu miftuħa għall-pubblika għal spiża ta' mhux iżjed minn €708.00 vat inkluża'

Din kienet sekondata mill- Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.10.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6944/24/9** 'Sabiex tintlaqa' t-talba ta' dawn l-istudenti biex jagħmlu 20hrs kull wieħed placement fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura: Is-Sur Aidan Chant, Is-Sur Nathan Zammit,, Is-Sinjorina Skyler Bezzina, is-Sinjorina HannahVella'

Din kienet sekondata mill-Kuns I Catania Degiovanni

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.10.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6945/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill hekk kif kien parteċipi fil-Pink October ikun parteċipi wkoll fl-inizjattiva Movember u għaldaqstant apparti li jinxtegħlu ż-żewġ monumenti kif ukoll il-faċċata tal-kunsill bil-blue għandha tingħata l-kulur blue zebra crossing ta' triq is-Sur fejn l-Iskola Primarja tal-Fgura'

Din kienet sekondata mill-Kuns J Scicluna

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.10.6** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li reġgħa sar inċident fi Triq il-Foss, fejn is-Sindku tkellem ma' CEO tal-Korporazzjoni tal-Ilma li mid-dehra huma qegħdin jiġru wara l-kuntrattur biex jagħti t-tarmak fejn tal-aħħar qed jeħel multa għal kull ġurnata li tgħaddi. Il-Kuns C Bonello staqsa lis-Sindku jekk il-pressure tests sarux u s-Sindku wieġeb li għadu mingħajr risposta. Is-Sindku kompla billi qal li kien hemm problema bil-pressure tests fix-xogħolijiet li qed isiru Bulebel u għaldaqstant is-Sindku talab li sakemm jerġgħu jitkomplew ix-xogħolijiet ta' Bulebel jistgħu jagħtu t-tarmak fi Triq il-Foss iżda l-Korporazzjoni tal-Ilma ma tridx li jsir hekk. Is-Sindku qal li rigwrad l-inċident li kien hemm fi Triq il-Foss fejn persuna talbet għar-rimbors tal-ħsara li ġarrbet fuq it-tyre tal-vettura tagħha, din ġiet gwidata sabiex tagħmel kuntatt mal-Korporazzjoni tal-Ilma peress li x-xogħolijiet qed isiru minn din il-korporazzjoni u għamlet kuntatt magħhom fejn sa issa rċiviet li l-korrispondenza tagħha waslitilhom u se jkunu qed jagħmlu kuntatt magħha.

**8.10.7** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6946/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jibgħat no objection biex nhar il-Ħadd 26 ta' Jannar 2025 il-Kummissjoni Żgħażagħ fi ħdan il-Kummissjoni Festa Esterna jtellgħu Car Show bil-flus miġbura jmorru għal Dar Bjorn. Dan il-Kunsill għandu jkun ta' għajnuna fir-rigward ta' permessi biex isir għeluq tat-toroq kif ukoll clearance tal-vetturi kemm fi Triq Hompesch (bejn Triq San Tumas u Triq is-Sur kif ukoll Triq il-Karmelitani (bejn Triq Hompesch u Triq il-Liedna)'

Il-Kuns J. Scicluna tkellmet rigward id-devjazzjoni tat-Trasport Pubbliku fejn dan il-Kunsill se jħalli tali devjazzjoni li jiġu kkordinati minn Transport Malta peress li fejn se ssir l-attivita' jgħaddi t-trasport Pubbliku. Il-Kuns C Bonello qal li Trasport Malta ma tiħux gost li tingħalaq it-triq prinċipali iżda kulħadd irid jifhem li t-triq hija tal-Fgura u mhux tal-karrozzi biss u għalhekk ma għandux ikun il-Kunsill stess li jwaqqa' l-ġebla fuq saqajh u jaqbel ma' transport Malta. Għal dan il-Kuns J Scicluna wieġbet li tifhem l-argument tal-Kuns C Bonello iżda hija l-unika persuna li qegħda fuq il-mejda u tagħmel użu mit-trasport Pubbliku u għalhekk tista' tħoss il-polz tan-nies li jagħmlu użu mit-trasport Pubbliku. Is-Sindku qal li ma jaqbilx mal-argument tal-Kuns J Scicluna u dejjem jivvota favur l-għaqdiet. Il-Kuns M Lombardo qal li l-Kunsill għandu jiddiskuti ma' transport Malta sabiex jiprovdu ċirkulari sal-mina ta' Hompesch u tinżel lura, f'każi li t-triq magħluqa l-uniku alternattiva li jkollha din ir-rotta li minflok tasal sal-Mina ta' Hompesch tasal sar-roundabout tat-Tip Top. Il-Kuns I Catania Degiovanni wieġeb li huwa student u hu wkoll jagħmel użu mit-trasport pubbliku.

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello

Il-mozzjoni għaddiet b'7 voti favur u l-Kuns J Scicluna astjeniet. Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

**8.10.8** Is-Sindku ndirizza lill-membri preżenti fejn stqarr li ftit xhur ilu kien kellimhom biex joħorġu bl-ideat ta' xi proġett li jista' jsir għal fondi tal-European Week for Reduction iżda li baqa' ma ngħata l-ebda risposta min-naħa tal-membri. Is-Sindku stqarr li din il-materja ġiet diskussa mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-idea hi li jingħataw bins lill-Iskola Primarja fejn l-istudenti jpoġġu fihom fdalijiet tal-ikel fejn minnhom isir il-kompost. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6947/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jippartecipa fl-inizjattiva European Week for Reduction'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.10.9** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6948/24/9** 'Sabiex jiġi magħżul is-Sunland Printers biex isir l-istampar tal-avviżi 'Learn how to ride a bike course' għall-prezz ta' mhux iżjed minn €897 bil-vat inkluża. Il-prezz jinkludi wkoll l-artwork u proof reading.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 8.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**8.11.1** Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li nhar il-Ħamis 17 ta' Ottubru saret konsultazzjoni pubblika għar-residenti Fgurin, b'mod speċjali dawk l-iktar viċin iż-żona li fiha se jkun qiegħed jitwettaq il-proġett ta' District Park. Is-Sindku kompla qal li l-laqgħa kienet interessanti ħafna fejn attendew 2 periti u ġie diskuss kif ġej il-proġett. Is-Sindku pubblikament irringrazzja lil Fgura United Football Club fejn għal diversi snin pero mhux fuq l-istess proġett ilhom isostnu mal-gvern sabiex l-area li qiegħed il-Club tiġi żviluppata wkoll. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li dan il-proġett mhux l-istess proġett li kellu jsir 7 snin ilu iżda dan hu proġett li se jiġi mwettaq minn Project Green, fejn kemm is-Sindku kif ukoll il-Kuns C Bonello tkellmu ma' Project Green illi indikaw spazju miftuħ madwar is-swar. Is-Sindku qal li iktar 'il quddiem se jingħataw iktar dettalji dwar dan il-proġett, waslu fil-fażi finali biex japplikaw mal-planning. Il-fondi għal dan il-proġett huma fondi ewropei li ġie stmat erba' (4) miljuni u nofs u se jibdew min-naħa ta' Triq Romano Carapecchia u jibqgħu neżlin safejn il-grawnd tal-futbol.Se jkun imdawwar bil-fence iżda minħabba l-viżwal il-Heritage ma tridux li jiġi għoli bħala fence. Sas-sena 2025 il-proġett in-naħa ta' fuq għandu jkun lest imbagħad ikomplu n-naha t'isfel. Il-Kuns J Scicluna staqsiet lis-Sindku jekk il-parti ta' taħt il-grawnd hux inkluża u s-Sindku wieġeb fl-affermattiv. Il-Kuns J Scicluna staqsiet jekk f'din iż-żona hux se ssir bankina mat-triq u s-Sindku wieġeb fin-negattiv. Il-Kuns J Scicluna wriet ix-xewqa li ssir diskussjoni f'dan ir-rigward u s-Sindku wieġeb li diskussjoni tista' ssir ma entita' oħra. Il-

Kuns M Lombardo staqsa għalfejn rappreżentanti ta' Project Green ġew jiddiskutu mar-residenti u l-Kunsill ġie njorat għal kollox. Is-Sindku qal li d-diskussjonijiet ilhom sejrin minn mas-Sindku preċedenti u l-Kuns M Lombardo qal li din il-materja qatt ma ttellgħet fil-laqgħa. Is-Sindku wieġeb li kulma sar kien suġġeriment tal-post, fejn iltaqa' magħhom madwar 3 xhur ilu. Wara li saret il-laqgħa pubblika dan il-Kunsill talab li jkollu l-verżjoni finali tal-pjanti fejn sal-lum għadha ma waslitx peress li għadhom qed jistennew il-permessi meħtieġa kif ukoll id-disinn tal-Fgura Scouts Group. Is-Sindku qal li kif jingħatawlu l-pjanti se jkun qed iressaqhom fuq il-mejda tal-Kunsill għall-attenzjoni tal-membri.

**8.11.2** Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li dan il-Kunsill kellu ħsara fil-UPS tas-server li miegħu hemm id-data kollha tal-Kunsill kif ukoll imqabbdin miegħu hemm l-apparat kollu li jużaw l-impjegati, dwar dan sar rapport mit-tekniku magħżul minn dan il-Kunsill permezz ta' mozzjoni li ġiet approvata u l-ħsara hija waħda estensiva. Dan il-Kunsill ġie nfurmat li normalment UPS idum massimu ta' 5 snin u dan il-Kunsill irnexxielu jżomm bih għal seba' (7) snin. Meta ġiet ivverifikata l-ħsara li kien ġarrab ma kienx worth it li jiġi rranġat u għaldaqstant kien aħjar li jinbidel. Dan kollu ġie kkomunikat lilkom permezz ta' imejl. Dan il-Kunsill ġab il-kwotazzjonijiet fejn l-irħas waħda tammonta għal €6,863.12 u għaldaqstant ġie mitlub lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jinxtara b'direct order. Apparti minn hekk is-Sindku kellem lill-Kuns R Deguara sabiex jiġi claimed mill-Kumpanija tal-Assigurazzjoni. Il-Kuns J Scicluna staqsiet jekk hux possibli li jintalab rimbors lill-Enemalta għal din il-ħsara peress li fl-imejl li rċivew kien hemm miktub li din il-ħsara ġiet ikkaġunata minn qtugħ ta' dawl fejn meta ġie lura ġie b'vultaġġ għoli. Is-Sindku wieġeb li ma jistgħux peress li ma hemmx over and under installat. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6949/24/9** 'Sabiex jiġi magħżul Netsys biex jinxtara u jinstalla l-UPS skond l-irħas kwotazzjoni annessa'

Din kienet sekondata mill-Kuns I Catania Degiovanni

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.11.3** Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li propju llum kellu intervista ma' persuna li tixtieq tiġi assenjata mal-Kunsill Lokali tal-Fgura min-naħa tad-District Operations, fejn se tkun qed tingħaqad mal-kumplament tal-handymen u xogħolha se jkun fuq barra. Din il-persuna diġa ħadem ma' Kunsilli Lokali oħra. Is-Sindku qal li jidher persuna li jħobb jaħdem.

**8.11.4** Is-Sindku informa lill-membri preżenti li tkellem mal-Avukat tal-Kunsill fir-rigward tal-bye law tar-reklamar tal-għamara tat-triq fejn il-Kunsill mhu jdaħħal xejn minnhom preżentament. Is-Sindku kompla billi qal li talab lill-Avukat iżied mal-lista li ma jistgħux isiru reklamar fuqhom dawk 'reliġjuża jew fejn ikun imsemmi prodott ta' tabakk u/jew kwalunkwe sustanza li tista' twassal għal xi tip ta' vizzju', kompla billi qal li l-ħlas mhux wieħed raġonevoli u ġie mitlub sabiex il-ħlas għandu jiżdied minn €11.65 għal €46.59, minn €23.29 għal €116.47 u ta' 2metres minn €46.59 għal €232.94. Is-Sindku ppreżenta l-emenda lill-Kuns R Ellul, fejn wieġeb fl-affermattiv. Is-Sindku qal li dan il-Kunsill ma għandux ċans li joqgħod jiġri wara l-individwi u/jew kumpanija biex isiru r-reklami u/jew il-ħlasijiet tagħhom u għalhekk qal li wasal iż-żmien fejn dawn għandhom jiġu mikrija b'kuntratt

Il-Kuns C Bonello ssuġġerixxa li għandhom jiġu mikrija bil-lot. Is-Sindku staqsa kif se jiġu mikrija dawk li jinsabu f'postijjiet mhux daqstant prominenti u hawnhekk id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li fil-byelaw hemm toroq speċifiċi ta' liema toroq jistgħu jinkrew.

Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6950/24/9** 'Sabiex tiġi approvata l-emendi tal-bye law tal-avviżi tal-għamara tat-triq skond l-emendi li saru kif ukoll sabiex isiru l-emendi kollha neċessarji oħra'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 8.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**8.12.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref:**6951/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill iħallas is-somma ta' €7,660.64 lil BI Contractors Ltd (Jake Borg) għall-installation of buried infrastructure (potable water house services, potable water & waste water main) ta' Triq is-Summiena'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.12.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref:**6952/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill iħallas is-somma ta' €21,317.40 lil BI Contractors Ltd (Jake Borg) għal trench excavation u trench re-instatment kif ukoll installation of buried infrastructure (potable water house services) ta' Triq is-Summiena'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.12.3** Is-Sindku qal li s-Segretarju Parlamentari għax-xogħolijiet pubbliċi ħabbar li se jkun hemm framework agreement bejn il-Ministeru u l-Kunsilli Lokali, is-Sindku tkellem mal-Kuns R Ellul biex flimkien jaraw x'jista' jsir peress li hemm fond ta' 175K. Is-Sindku għadda kopja tal-pjanti lill-Kunsilliera preżenti, fejn il-Kuns R Ellul indika li hemm problema fi Triq il-Merħba (kantuniera ma' Triq l-Għasfur tal-bejt) fejn kienet saret patch mill-Korporazzjoni tal-Ilma li llum din sfrundat u l-parir tal-perit huwa li l-aħjar tinqala' mill-qiegħ u tingħata l-ewwel u t-tieni kors ta' asfalt. Il-Kuns C Bonello staqsa jekk hux se ssir rekostruzzjoni fejn il-Kuns R Ellul spjega li fiż-żona indikata fil-pjanta li ngħatatilhom se jsir scarifying u jingħata t-

tarmak il-parti tax-xogħolijiet li kienu ħadmu fiha tal-Korporazzjoni tal-Ilma żmien ilu fejn bħalissa tinsab bennina.

Is-Sindku kompla jispjega li l-framework agreement jinkludi patching, proġetti jew inkella bankini. Hawnhekk is-Sindku ndika li bħala parti minn dan il-framework hemm il-ħsieb li jiddaħħal il-proġett ta' Valperga, ż-żona ta' bejn Triq il-Karmelitani u Triq is-Sur, biċċa fejn m'hemmx siġar, tiġi rtirata 'l ġewwa u jsir parkeġġ fishbone, iżda fejn hemm is-siġar il-Pert kellu jieqaf imma fejn hemm central strip (kantuniera ma' Triq is-Sur) isir rekostruzzjoni tagħha fejn tiġi roundabout u fejn jista' jdaħħal iżjed parkeġġi. Il-Kuns C Bonello ssuġġerixxa li s-siġar li hemm mad-dawra taċ-ċint jiċċaqilqu minn fejn jinsabu u għal dan Kuns R Ellul wieġeb li kellu laqgħa mal-Perit fejn indika li dawk is-siġar ma jistgħux jiċċaqilqu minn fejn jinsabu preżentament. Il-Kuns I Catania Degiovanni saħaq li mportanti li jkun hemm devjazzjonijiet sew u bla periklu fejn il-Kuns R Ellul wieġeb li d-devjazzjonijiet jiġu diskussi u jsiru minn Transport Malta fejn jagħmlu l-aħjar biex ma jinħoloqx inkonvenjent.

Il-Kuns J Scicluna staqsiet jekk hux se ssir bankina u s-Sindku wieġeb li bankina mhux se ssir peress li hemm ġej kollu parkeġġ fishbone. Il-Kuns C Bonello ssuġġerixxa li ċ-ċint għandu jiġi rtirat daqs 5 piedi oħra 'l ġewwa, iżda s-Sindku qal li dik il-parti hija privata għand il-Club tal-Football. Il-Kuns C Bonello qal li l-ikbar inkonvenjent li qed isir f'dik iż-żona ġejja minnhom u billi l-Kunsill jitlob biex jieħu 5 piedi oħra 'l ġewwa sabiex isiru l-alignments kif suppost tal-club tal-Football ma għandhomx għalfejn ma jaqblux. Wara diskussjoni li saret is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6953/24/9** 'sabiex jiġu approvati l-pjanti annessi ta' Triq AM Valperga kif ukoll ta' Triq il-Merħba'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

Il-Kuns R Ellul ħareġ mill-kamra 20:39

## 8.13 TRAFFIC MANAGEMENT

**8.13.1** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref **6954/24/9** 'Mozzjoni sabiex titneħħa sleeping policeman li hemm f'tarf triq San Mikiel (in-naħa ta' fuq) peress li qed iddejjaq lir-residenti li qegħda quddiemhom. Il-Kunsill iżomm id-dritt li jekk xi residenti oħrajn jerġgħu jitolbu tali sleeping policeman, din titwaħħal quddiem min jitlobha'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.13.2** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref **6955/24/9** 'Sabiex l-un/loading bay li hemm fi Triq il-Karmelitani faċċata ta' Triq il-Liedna tiċċaqlaq iktar viċin il-ħwienet (lejn Triq Hompesch) b'4 parking spaces'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.13.3** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref **6956/24/9** 'sabiex issir sleeping policeman qrib 146 Triq il-Kampanella Fgura'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.13.4** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref **6957/24/9** 'Sabiex issir sleeping policeman fi Triq il-Kampanella k/m Triq il-Ġeranju u oħra Triq il-Ġeranju k/m Triq AM Valperga'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 8.14 STAFF

**8.14.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6958/24/9** 'Sabiex għall-vakanza ta' Skrivan fi Skala 15 fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura għandu jimla' din is-sejħa bil-kandidata li ġiet fl-ewwel post. F'każ li ma tiġix aċċettata mingħand l-kandidata din is-sejħa, il-Kunsill imexxi għall-kandidat li jkun ġab l-aktar punti'

Il-Kuns M Lombardo staqsha biex jara il-curriculum vitae tal-ewwel post, fejn is-Sindku għaddielu l-imsemmi dokument. Il-Kuns M Lombardo staqsa jekk din l-iskrivana hux se tagħmel perjodu qasir minħabba l-kwalifiki li għandha. Is-Sindku wieġeb li din il-mistoqsija ġiet mistoqsija lill-applikanta fejn tali applikanta wieġbet li kienet imdejqa taħdem fejn qed taħdem preżentament.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 8.15 MOZZJONIJIET

**8.15.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 8.16 PLANNING AUTHORITY

**8.16.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li rċieva korrispondenza mingħand il-Kuns M Lombardo b'referenza għal PA 6477/24, is-Sindku qara l-korrispondenza li ġiet riċevuta u annessa bħala Doc 'D'. Wara diskussjoni li saret f'dan ir-rigward, il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6959/24/9** 'Sabiex il-Kunsill joġġezzjona għall-permess anness sakemm il-pjanti ma jaqblux mal-pjanijiet oriġinali li kienu ppreżentati 'Masterplan''

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**8.16.2** Is-Sindku qal li fil-laqgħa li għaddiet ġie avviċinat minn residenta fejn in-naħa ta' isfel ta' Triq Zabbar hemm lok għal żvilupp fejn qed jintalab li jsir Bakery, dan il-Kunsill kien qabel li joġġezzjona. Il-Kuns J Scicluna spjegat li hi ma qablitx mal-oġġezzjoni għax temmen li kulħadd għandu jingħata opportunita' biex jagħmel business. Is-Sindku nforma lill-Kuns J Scicluna li l-Kunsill għandu jimxi mal-Local Plans.

## 8.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**8.17.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns R Deguara qal li l-ħarġa li saret propju llum l-Erbgħa 23 ta' Ottubru kienet suċċess kbir b'attendenza rekord li kien jammonta għal 120 persuna.

**8.17.2** Il-Kuns R Deguara ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li jiġu upgraded l-first aid boxes, fejn iktar kmieni filgħodu seħħ aċċident fejn tifel qata' subgħajh u ma kienx hemm stick biex titgħatta l-qatgħa fuq subgħajh. Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tieħu azzjoni.

**8.17.3** Is-Sindku staqsa lilll-Kuns M Lombardo jekk kellux progress ta' ħidma fejn il-Kuns M Lombardo qal li s-Surmast Skola B informah li wara li tressqet il-proposta mill-iskola stess biex l-iskola tissemma' għal Nazzareno Farruġia, jidher li din il-proposta ġiet approvata

Hekk kif il-laqgħa ħadet tliet (3) siegħat, is-Sindku talab għal estensjoni ta' 15 -il minuta, fejn il-Kuns M Lombardo oġġezzjona għal din l-estenzjoni u għaldaqstant is-Sindku aġġorna għat-13 ta' Novembru fis-6pm.

## 8.18 MISTOQSIJIET

## 8.19 AĠĠORNAMENT

**8.18.1** Il-laqgħa ntemmet fid-21:00hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 13 ta' Novembru, 2024 fis-18:00hrs.

# KUNSILL LOKALI FGURA

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sinjura Ritianne Bonnici
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Data:23 ta' Ottubru, 2024